

Brussell, 5 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12325/25

ENER 417  
ENV 783

## NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jikkoreġi u jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1670 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, għat-telefowns ċellulari għajr l-ismartphones, għat-telefowns bla fili u għall-islata tablets skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni (proċedura regolatorja bi skrutinju)

---

1. Billi l-miżura prevista hija konformi mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura msemmi hawn fuq<sup>1</sup> lill-Kunsill għal skrutinju f'konformità mal-proċedura fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE<sup>2</sup>. Wara li l-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura fl-14 ta' Lulju 2025, il-Kunsill għandu sal-10 ta' Ottubru 2025 biex jiddeċiedi jekk jopponix l-adozzjoni.

---

<sup>1</sup> 11944/25 + ADD 1

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Id-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw kwalunkwe kumment dwar dan il-fajl sal-25 ta' Awwissu 2025. Id-delegazzjonijiet ma pprovdew l-ebda indikazzjoni li hemm xi raġuni sabiex issir oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżura inkwistjoni għar-raġunijiet deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, jiġifieri li:
- jeċċedi s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku;
  - huwa inkompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku; jew
  - ma jirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.
3. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm ebda raġuni biex issir oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżura. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihex, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżura proposta f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.